

Brussell, 6 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15283/16

CFSP/PESC 1004
CSDP/PSDC 699
COPS 378
POLMIL 147
EUMC 146

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Diċembru 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15208/1/16 REV 1 CFSP/PESC 1000 CSDP/PSDC 695 COPS 359 POLMIL 146 EUMC 144
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal- Atlantiku tat-Tramuntana

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, adottati mill-Kunsill fit-3506 laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

1. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2016 li jappellaw għal tisħiħ ulterjuri tar-relazzjoni bejn l-UE u n-NATO permezz tal-ħidma mal-Istati Membri kollha u għall-benefiċċju tagħhom, fid-dawl ta' dawk l-għanijiet u l-valuri komuni li nħaddnu u fid-dawl tal-isfidi mingħajr preċedent li qed jiffaċċaw iż-żewġ organizzazzjonijiet. Is-sigurtà tagħna hija interkonnessa: flimkien, nistgħu nimmobilizzaw firxa wiesgħa ta' għodod u nużaw bl-aktar mod effiċjenti r-riżorsi biex nindirizzaw dawk l-isfidi u nżidu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna. F'dan ir-rigward, neħtieġu modi ġodda u mtejba ta' kif naħdmu flimkien b'mod ambizzjuż u pragmatiku bl-oġettiv ġenerali li nibnu relazzjoni vera bejn organizzazzjoni u oħra.
2. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ser tkompli fi spirtu miftuħ u trasparenti għalkollox u b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet. Din ser tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-inklużività u r-reċiproċità mingħajr ma tippreġudika n-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' xi Stat Membru.
3. Il-Kunsill jilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Varsavja fit-8 ta' Lulju 2016. Din ser tagħti spinta u sustanza ġodda lill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fl-oqsma tal-ġlieda kontra theddid ibridu; kooperazzjoni operattiva inkluż fuq il-baħar u, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2016, f'dak li jirrigwarda l-migrazzjoni irregolari; iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża; il-kapaċitajiet tad-difiża; l-industrija tad-difiża u r-riċerka dwarha; l-eżerċizzji; l-appoġġ għall-isforzi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab fil-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom.

4. L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta hi prijorità politika ewlenija għall-UE. Hija element essenzjali ta' sforzi aktar komprensivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-abbiltà tal-Unjoni li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża u Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża.
5. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fit-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO, b'mod partikolari mill-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta, anke fl-implimentazzjoni u t-tweqqi ta' proċeduri paralleli u sett ta' strateġiji għall-interazzjoni fil-għieda kontra theddid ibridu; fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni operattiva u l-koordinazzjoni fi kwistjonijiet marittimi inkluż bejn EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA u l-operazzjoni Sea Guardian fil-Mediterran fl-implimentazzjoni tal-mandati tagħhom, billi jibnu fuq il-kooperazzjoni b'suċċess bejn l-UE u n-NATO fl-Eġew; fl-iżvilupp ta' eżerċizzji paralleli u koordinati inkluż fil-qasam tal-komunikazzjoni strateġika bl-għan li tinbena r-reżiljenza. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam tal-eżerċizzji ser isseħħ b'rispett sħiħ tal-Qafas ta' Politika tal-Eżerċizzji tal-UE.
6. Bl-għan li jikkonsolida dan il-progress u jggarantixxi aktar progress fl-oqsma kollha mniżżla fid-Dikjarazzjoni Konġunta, il-Kunsill japprova is-sett komuni ta' proposti meħmuża fl-anness. Dawn jiffurmaw azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta żviluppati b'mod konġunt mill-UE (is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mal-EDA) u n-NATO. Is-sett komuni ta' proposti mhuwix dokument awtonomu u għandu jinqara flimkien ma' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li t-tnejn ser jiġu implimentati skont il-prinċipji msemmija iktar 'il fuq.
7. Is-sett komuni ta' proposti qed jiġi approvat fi proċess parallel min-NATO permezz tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana.

8. Il-Kunsill jenfasizza li l-Istati Membri għandhom "sett uniku ta' forzi" li jistgħu jużaw f'oqfsa differenti. L-iżvilupp koerenti tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri permezz tal-proċessi rispettivi tal-UE u n-NATO għaldaqstant ser jgħin biex jissaħħu l-kapaċitajiet li ż-żewġ organizzazzjonijiet potenzjalment għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, filwaqt li jiġu rikonoxxuti n-natura u r-responsabbiltà differenti tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa mill-qrib u ta' tisħiħ reċiproku man-NATO f'oqfsa ta' interess komuni, kemm b'mod strateġiku kif ukoll operazzjonali, fil-maniġġar ta' kriżijiet b'appoġġ għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża fejn il-ħtiġijiet ikunu l-istess.
9. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tniedi minnufih il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti, biex b'hekk tiżgura l-involviment u t-trasparenza sħaħ tagħhom. Darbtejn fis-sena, b'bidu mill-aħħar ta' Ġunju 2017, għandhom jiġu pprovduti rapporti dwar l-implimentazzjoni, li jinkludu suġġerimenti possibbli għal kooperazzjoni futura.
-

Sett komuni ta' proposti għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

1. Ġlieda kontra t-theddid ibridu

Mir-rebbiegħa 2016, l-UE u n-NATO qed jimplimentaw u jagħmlu operazzjonali proċeduri u manwali ta' struzzjonijiet paralleli għall-interazzjoni bejn l-UE u n-NATO fl-oqsma tal-għarfien tas-sitwazzjoni; iċ-ċibersigurtà; il-prevenzjoni tal-kriżijiet u r-rispons għalihom kif ukoll il-komunikazzjoni strateġika.

- Titħeġġeġ il-parteċipazzjoni mill-UE u n-NATO kif ukoll l-Istati Membri tal-UE u l-Alleati tan-NATO fil-ħidma taċ-"Ġentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu" li għandu jiġi stabbilit fl-2017.

Għarfien tas-Sitwazzjoni

- Sa Mejju 2017 ser jiġu stabbiliti miżuri konkreti biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni, fost il-persunal, ta' informazzjoni li għandha tingħata mill-iktar fis possibbli, bejn iċ-Ċellola ta' Fużjoni tal-UE kontra t-Theddid Ibridu u l-kontroparti rilevanti tan-NATO, inkluż permezz ta' skambju tal-analiżi tat-theddid ibridu potenzjali. Dan ser jinkludi l-istabbiliment ta' mezzi tekniċi li jippermettu l-iskambju sistematiku ta' informazzjoni marbuta mat-theddid ibridu.

Komunikazzjoni strateġika

Ġiet stabbilita kooperazzjoni bejn il-persunal tal-UE u tan-NATO rigward il-komunikazzjoni strateġika. Bejn issa u nofs l-2017, huma ser:

- Jintensifikaw il-kooperazzjoni u jwettqu analiżi kondiviża tax-xejriet f'dak li għandu x'jasqam mal-informazzjoni żbaljata, inkluż permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali li jimmiraw għall-UE u n-NATO; jipproduċu, sa tmiem l-2016, analiżi dwar dan t'hawn fuq; jikkooperaw biex itejbu l-kwalità u l-ilħiq tan-narrattiva pożittiva.

- Jissaħħu l-isforzi ta' tisħiħ reċiproku rigward appoġġ għal kapaċitajiet stratcom ta' pajjiżi sħab inkluż permezz ta' taħriġ koordinat jew konġunt u l-kondiviżjoni ta' pjattaformi.
- Titħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Eċċellenza għall-Komunikazzjonijiet Strateġiċi tan-NATO u t-taqsimi Stratcom tas-SEAE (task forces speċifiċi għal-Lvant u n-Nofsinhar) inkluż aktar taħriġ/seminars konġunti.

Rispons għal kriżijiet

- Tittejjeb it-tħejjija, fost affarijiet oħra, billi jkun hemm laqgħat regolari fil-livell tal-persunal.
- Filwaqt li jinżammu preżenti l-proċeduri tal-UE b'rispons għall-kriżijiet, inklużi l-arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) u s-Sistema tan-NATO għal Rispons għall-Kriżijiet, titfittex is-sinkronizzazzjoni tal-attivitajiet paralleli taż-żewġ organizzazzjonijiet b'rispons għall-kriżijiet bil-għan li jingħata appoġġ koerenti b'rispons għat-theddid ibridu.

Tisħiħ tar-reżiljenza

L-UE u n-NATO ser iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-rekwiżiti eżistenti u ppjanati għar-reżiljenza għall-benefiċċju

tal-Istati Membri u l-Alleati. Għal dak l-għan, sa mill-2017.

- Ser jiġu intensifikati l-kuntatti bejn il-persunal, inkluż aġġornamenti trasversali lill-korpi rispettivi dwar ir-rekwiżiti għar-reżiljenza.
- Jiġu vvalutati r-rekwiżiti, stabbiliti l-kriterji u żviluppati l-linji gwida fil-kuntest ta' koerenza akbar bejn il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE (CDP) u l-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO (NDPP).
- Issir ħidma biex ikunu lesti biex jintbagħtu, sa nofs l-2017 b'mod parallel u koordinat, esperti biex jappoġġaw lill-Istati Membri tal-UE/l-Alleati, fuq talba, fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom, jew fil-fażi ta' qabel il-kriżi jew b'rispons għal kriżi.

2. Kooperazzjoni operattiva inklużi kwistjonijiet marittimi

- Sa Diċembru 2016, tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Operazzjoni Sea Guardian u l-EU NAVFOR MED Sophia fil-Mediterran permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u s-sostenn loġistiku u permezz ta' interazzjoni Prattika bejn iż-żewġ operazzjonijiet.
- Filwaqt li jibnu fuq is-sinerġiji bejn l-operazzjoni tal-UE u n-NATO fil-baħar Eġew, fl-ewwel semestru tal-2017 in-NATO u l-UE ser janalizzaw l-opportunitajiet għal aktar kooperazzjoni marittima bejniethom.
- B'appoġġ għall-għanijiet t'hawn fuq, l-UE u n-NATO ser ikomplu jagħmlu użu sħiħ mill-mekkaniżmu dwar Shared Awareness and Deconfliction fil-Mediterran (SHADE MED).
- Jiġi organizzat, matul l-ewwel semestru tal-2017, seminar dwar tagħlimiet meħuda li jibni fuq l-esperjenza mill-ġlieda kontra l-piraterija fl-Oċean Indjan, u fuq l-interazzjonijiet fil-Mediterran.
- Jitthejja, matul l-ewwel semestru tal-2017, deskrizzjoni fil-qosor tal-eżerċizzji marittimi rilevanti mill-organizzazzjonijiet rispettivi bil-ħsieb li jiġu identifikati aktar opportunitajiet għal interazzjoni possibbli.
- Tiġi żviluppata aktar kooperazzjoni bejn il-persunal tan-NATO u tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni fil-Balkani tal-Punent, inkluż permezz tal-proċess tal-Laqgħat ta' Normalizzazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Balkani (BANM).
- Tiżdied il-frekwenza tal-laqgħat mas-sħab li jieħdu sehem fl-operazzjonijiet rispettivi, b'bidu mill-2017.

3. Ċibersigurtà u Ċiberdifiża

- B'effett immedjat, l-UE u n-NATO ser jiskambjaw kunċetti dwar l-integrazzjoni ta' aspetti ta' ċiberdifiża fl-ippjanar u t-tmexxija ta' missjonijiet u operazzjonijiet rispettivi biex titrawwem l-interoperabbiltà fir-rekwiżiti u l-istandards ta' ċiberdifiża.
- Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fit-taħriġ, sa mill-2017, l-UE u n-NATO ser jarmonizzaw ir-rekwiżiti għat-taħriġ, fejn applikabbli, u jifih l-korsijiet rispettivi ta' taħriġ għall-parteċipazzjoni reċiproka tal-persunal.

- Titrawwem il-kooperazzjoni fir-Riċerka u l-Innovazzjoni Teknoloġika fil-qasam ta' Ċiberdifiża billi jiġu żviluppati aktar il-konnessjonijiet bejn l-UE, in-NATO u ċ-Ċentru ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża Kooperattiva tan-NATO biex tiġi esplorata l-innovazzjoni fil-qasam ta' ċiberdifiża: b'kont meħud tan-natura b'użu doppju tal-qasam ċibernetiku, l-UE u n-NATO ser isaħħu l-interoperabbiltà fl-istandards ta' ċiberdifiża bl-involvement tal-industrija, fejn rilevanti.
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-eżerċizzji ċibernetiċi permezz tal-parteeċipazzjoni reċiproka tal-persunal fl-eżerċizzji rispettivi, inkluż b'mod partikolari Cyber Coalition u Cyber Europe.

4. Kapaċitajiet tad-Difiża

- Titmexxa 'l quddiem il-koerenza tal-prestazzjoni bejn il-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE permezz tal-kuntatti bejn il-persunal u stedina lill-persunal tal-UE biex jattendi għal-laqgħat ta' skrinjar tan-NDPP u l-PARP hekk kif jiġu mistiedna mill-pajjiżi individwali kkonċernati.
- Issir ħidma biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet żviluppati fuq livell multinazzjonali mill-Alleati u l-Istati Membri jkunu disponibbli għall-operazzjonijiet kemm tan-NATO kif ukoll tal-UE.
- Titmexxa 'l quddiem il-komplementarjetà tal-proġetti/programmi multinazzjonali żviluppati fid-Difiża Intelliġenti tan-NATO u l-Ġbir komuni ta' Riżorsi u l-Kondiviżjoni tal-UE, f'oqsma ta' interess komuni, bħar-riforniment ta' fjuwil fl-ajru, it-trasport bl-ajru, il-komunikazzjoni bis-satellita, iċ-ċiberdifiża u s-Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod, b'mod partikolari permezz ta' kuntatti kontinwi u intensifikati bejn il-persunal.
- Jingħata kontribut akbar għall-koerenza tal-isforzi multinazzjonali, billi jiġu riflessi l-proġetti multinazzjonali żviluppati f'kuntest tal-UE, skont kif rilevanti, fil-pjanijiet direzzjonali tal-kapaċitajiet li jappoġġaw il-prijoritajiet għall-ippjanar tad-difiża tan-NATO, u billi jitqiesu l-proġetti multinazzjonali żviluppati f'kuntest tan-NATO biex jinsiltu Azzjonijiet Prijoritarji fil-qafas tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE.

- Titkompla l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-esperti tan-NATO u tal-UE/EDA fil-qasam tal-Avjazzjoni Militari bil-ħsieb li jiġu żgurati sforzi komplementari fl-interess tad-difiża u s-sigurtà fl-Ewropa, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp ta' Strateġija għall-Avjazzjoni Militari, l-implimentazzjoni ta' arranġamenti marbuta mal-Ajrunavigabbiltà Militari, l-Integrazzjoni ta' Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod fit-Traffiku tal-Ajru, is-Sigurtà tal-avjazzjoni inklużi inizjattivi ċibernetiċi, kif ukoll inizjattivi ċivili bħal SES/SESAR.
- Tissaħħaħ l-interoperabbiltà permezz ta' aktar interazzjoni fil-qasam tal-istandardizzazzjoni. Bil-għan li tiġi evitati d-duplikazzjoni fl-iżvilupp ta' standards, jiġi identifikati proġetti fejn jistgħu jiġu armonizzati attivitajiet marbuta mal-istandardizzazzjoni.

5. Industrija tad-difiża u riċerka dwarha

- Jiġi żviluppat aktar djalogu bejn il-persunal tal-UE u n-NATO dwar l-aspetti industrija permezz tal-fora eżistenti.
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fuq livell ta' persunal dwar Riċerka u Teknoloġija marbuta mad-difiża f'oqsma ta' interess komuni.

6. Eżerċizzji

- Jiġi implimentati eżerċizzju paralleli u koordinati (PACE) bħala proġett pilota għall-2017 u l-2018. Dan ser isir bin-NATO bħala mexxej permezz tal-Eżerċizzju ta' Maniġġar ta' Kriżijiet tal-2017 (CMX 17) u l-UE bħala mexxej permezz tal-Eżerċizzju ta' maniġġar ta' kriżijiet fuq Diversi Livelli tal-2018 (ML 18) jew tipi oħra ta' eżerċizzji fl-2018. L-eżerċizzji ser jinkludu element ibridu.
- L-esperti tal-persunal tan-NATO u l-UE tal-organizzazzjoni li ma tkunx il-mexxej għas-snin rispettivi ser ikunu mistiedna jikkontribwixxu għall-ippjanar u t-twettiq tal-eżerċizzju tal-organizzazzjoni mexxejja, fi spirtu ta' reċiproċità.
- It-tagħlimiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu kondiviżi sa fejn dan ikun possibbli.
- Jiġu organizzati eżerċizzji fuq livell tal-persunal fl-2017 biex jiġu ttestjati l-modalitajiet prinċipali diġà definiti fil-Manwal ta' Struzzjonijiet/Protokolli Operazzjonali.

- Jigū kkomplementati t-taħriġ u l-edukazzjoni fost l-oħrajn permezz ta' stedinet lill-persunal għall-avvenimenti adatti tal-organizzazzjoni l-oħra (eż. sessjonijiet ta' ħidma, preżentazzjonijiet, eżerċizzji).
- Mill-2017, in-NATO ser tkompli tistieden lill-UE (is-SEAE u l-Kummissjoni Ewropea) biex tieħu sehem fl-osservazzjoni tal-eżerċizzji militari tagħha. L-UE ser tirreċiproka kif adatt.

7. Tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża

- Il-persunal tan-NATO u l-UE ser irawwem il-kooperazzjoni, inkluż fil-post, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u r-reżiljenza tas-sħab, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, il-Viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar, inkluż il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija.
- Titħeġġeġ il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' tagħrif espert permezz taċ-Ċentri ta' Eċċellenza rispettivi u attivitajiet u programmi oħra ta' taħriġ rilevanti b'appoġġ għas-sħab.
- Jigū identifikati possibbiltajiet biex l-UE u n-NATO jieħdu sehem fil-proġetti u l-programmi ta' sħubija Prattika rispettivi tagħhom.
- Tiġi żgurata l-komplementarjetà tal-isforzi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet marittimi.

Tisħiħ tad-djalogu politiku bejn l-UE u n-NATO

- Jitkomplew il-laqgħat formali u informali bejn il-KPS u n-NAC fuq bażi regolari.
- Titmexxa aktar 'il quddiem b'mod ibbilanċjat il-prattika ta' stedinet reċiproċi għal-laqgħat ministerjali rilevanti.
- Jissaħħu l-aġġornamenti trasversali lill-Kumitati u l-Kunsilli rispettivi, inkluż dwar operazzjonijiet.

Segwitu/Kooperazzjoni bejn il-Persunal

Minn Lulju 2016, l-UE u n-NATO saħħew b'mod sinifikanti l-interazzjoni bejn il-persunal permezz ta' laqgħat regolari, fuq diversi livelli, inkluż dwar it-tnejja ta' dan is-sett ta' proposti. Ġew stabbiliti punti ta' kuntatt kemm fl-UE kif ukoll fin-NATO biex jiġu żgurati komunikazzjoni bla xkiel u kooperazzjoni aħjar. Din l-interazzjoni bejn il-persunal ser tkompli f'intervalli regolati sabiex isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposti t'hawn fuq, jinbena fuqhom u jiġu ssuġġeriti direzzjonijiet ġodda għal progress u jiġu rrapportat lill-Kunsilli rispettivi kull sena.
